



# Nippromwovu l-intraprenditorija etnika fil-bliet Ewropejs

## Sommarju eżekuttiv

### Introduzzjoni

Dan ir-rapport jippreżenta r-riżultati tal-modulu finali tar-riċerka tal-Eurofound fil-proġett Bliet għall-Politka ta' Integrazzjoni Lokali (CLIP). Ir-riċerka ffokat fuq it-tweġiba ta' dawn il-mistoqsijiet li ġejjin:

- X'inhuma l-profil tal-intraprenditorija etnika fil-bliet? X'inhuma l-isfidi u l-ostakli li jiltaqgħu magħhom l-impreduri etniċi? F'liema setturi jinstabu? X'inhuma l-esperjenzi tagħhom fir-rigward tal-ftuħ u t-tmexxija ta' negozju?
- X'inhuma r-regoli u r-regolamenti tal-Istat u mhux tal-Istat li jirregolaw b'mod ġenerali s-settur tal-SMEs u b'mod partikolari s-settur tal-SMEs, u kif jiffurmaw it-trajettorji tal-impjeggi indipendenti tal-minoranzi etniċi? Liema politiki jistgħu jitqiesu li qed jappoġġjaw u jippromwovu n-negozji etniċi?

L-istudju pproduċa rapporti dwar l-istudju ta' każi għal 28 belt, b'kontinġent iddettalġati tal-intraprenditorija etnika f'kull wieħed minnhom. Ir-rapport ġenerali komparattiv jiġbor dawn is-sejbiet flimkien u jipprovdi sett ta' rakkomandazzjonijiet politiki.

### Kuntest politiku

Ir-riċerka tal-Eurofound tindika li fl-Ewropa, l-intraprenditorija tal-migranti qiegħda tikber b'mod kostanti u qed ikollha rwol dejjem iktar importanti fl-istruttura soċjali u ekonomika tal-bliet Ewropejs. In-negozji etniċi għandhom rwol differenti u minn bosta perspettivi uniċi. Dawn jeliminaw id-diskrepanzi fis-suq, jgħinu biex terġa' tingħata haġja ġdida lil distretti ta' bliet li jkunu mitluqin, jipprovdu prodotti u servizzi ġodda, possibbilment jagħtu nifs ġdid lil snajja' ttraskurati, u jagħtu kredibilità lil ċerti setturi li tant jeħtiġuha. Jagħtu kontribut ukoll favur il-ħolqien tal-impjeggi u jipprovdu opportunitajiet lill-gruppi l-iktar vulnerabbli (bħan-nisa jew iż-żgħażaġh minn gruppi etniċi speċifiċi), billi jgħinuhom jevitaw in-nasba tal-faqar. Madankollu, il-potenzjal tal-intraprenditorija etnika bħala għajnun

għall-integrazzjoni u bħala kreatur ta' impjeggi kien qasam politiku li ġie ttraskurat. S'issa, min ifassal il-politika ffoka fuq l-impjeg bi fhas bħala l-miżura ewlenija ta' integrazzjoni fid-dinja tax-xogħol għall-migranti. Tista' tingħata attenzjoni ikbar lill-mogħdija tal-intraprenditorija għall-migranti, li tista' ssaħħaħ l-opportunitajiet soċjali tagħhom, tiżviluppa iktar it-tmexxija soċjali, iżżid il-fiduċja personali fost il-minoranzi u tippromwovi l-koeżjoni soċjali fil-komunitajiet etniċi.

### Sejbiet ewlenin

Sejba importanti tal-istudju hija li l-promozzjoni tal-intraprenditorija etnika mhijiex evidenti għal min ifassal il-politika. F'haġna bliet din ma kellhiex rwol importanti fl-istrateġija għall-appoġġ tal-impjeggi u tal-integrazzjoni soċjali tal-migranti.

L-istudju juri biċ-ċar li haġna bliet huma nieqsa minn dejta bażika dwar l-intraprenditorija etnika fid-dipartimenti ta' integrazzjoni tagħhom. Jista' jkun li din l-informazzjoni teżisti iżda tinżamm f'dipartimenti oħra, jew li tali informazzjoni ma nġabritx b'mod konsistenti. Madankollu meta l-informazzjoni tkun disponibbli, din tindika li f'haġna bliet il-preżenza ta' negozji li huma proprjetà ta' migranti qiegħda dejjem tikber. F'Kopenhaġen, fi Frankfurt u f'Zurich, l-intrapriżi etniċi jirrappreżentaw madwar 20% tan-negozji kollha; din iċ-ċifra tilħaq iktar minn 35% f'Amsterdam, fi Strasburgu u fi Vjenna. Iċ-ċifri dwar in-negozji li għadhom kemm fetħu huma saħansitra iktar impressjonanti. Pereżempju, fi Frankfurt l-impreduri migranti fetħu iktar minn nofs in-negozji l-ġodda.

Mentri haġna negozji għadhom joperaw f'setturi tradizzjonali bħal dawk tal-bejgħ bl-imnut, tal-forniment tal-ikel u r-ristoranti, l-impreduri migranti b'livell ta' edukazzjoni għoli u li jibbenefikaw minn rabtiet ma' netwerks soċjali differenti qegħdin jidħlu f'setturi ta' tkabbir bħall-finanzi, l-IT u l-midja. Pereżempju, fl-Irlanda għoxrin fil-mija tan-negozji etniċi joperaw f'setturi tal-ICT b'teknoloġija avvanzata.

Il-miżuri li joffru l-bliet u l-awtoritajiet lokali lil imprendituri etniċi potenzjali u lil dawk stabbiliti jistgħu jinġabru f'żewġ kategoriji: il-miżuri li jiffukaw fuq restrizzjonijiet strutturali (oqfsa regolatorji u l-ambjent istituzzjonali), u l-miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-kapaċitajiet personali tal-imprendituri etniċi. Dawn tal-aħħar huma l-iktar komuni, minħabba li bihom, il-bliet ikollhom iktar libertà joffru appoġġ u jkollhom rwol attiv f'dan il-qasam. Il-miżuri li jagħmlu parti minn din il-kategorija jinkludu dawn li ġejjin:

**Jiġu offruti servizzi ta' informazzjoni u ta' għoti ta' pariri aċċessibbli, kosteffiċenti u li jgħinu l-kljenti**  
Għadd ta' fornituri inklużi awtoritajiet lokali, kmamar tal-kummerċ u trejdnjans joffru dawn is-servizzi fil-għamla ta' avvenimenti ta' informazzjoni, linji ta' għajjuna permezz tat-telefon, websajts u gwidi stampati.

**Jingħata appoġġ fit-ftitxija ta' post għan-negozju**  
Dan jinkludi appoġġ ġeneriku, bħall-ħolqien ta' inkubaturi tan-negozji u żoni speċjali, u appoġġ speċifiku għall-migranti li jiġi pprovdut, pereżempju, min-netwerks tal-migranti.

#### **Jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-self**

Minħabba li l-istituzzjonijiet finanzjarji ġeneralment idumu biex isellfu lil intrapriżi etniċi, jeżistu miżuri biex jgħinu fit-tnaqqis tar-riskju tas-self, bħal għajjuna fil-kitba tal-pjanijiet tan-negozju. Miżuri oħrajn jinkludu l-għoti dirett ta' self u għotjiet, u l-kooperazzjoni mal-banek biex jiġi promoss l-impjeg ta' personal etniku fil-fergħat lokali.

**Jingħata appoġġ fit-ftitxija u l-ġestjoni tal-persunal**  
Dawn jinkludu diversi skemi ta' apprendistat għat-taħriġ vokazzjonali tal-migranti żgħirażgħira, kif ukoll taħriġ fil-ħiliet meħtieġa għat-tmexxija u l-espansjoni tan-negozji.

**Jingħata appoġġ biex jittejbu l-ħiliet kummerċjali**  
Programmi ta' konsultazzjoni, pereżempju, jużaw imprendituri etniċi ta' suċċess biex tingħata gwida lin-negozji l-ġodda. Ċerti miżuri huma iżjed speċifiċi, bħal programm li jippermetti lin-nisa migranti jsegwu l-passi ta' imprendituri nisa li kisbu suċċess.

Il-miżuri li jtejbu l-ambjent tan-negozju huma inqas komuni minħabba s-sempliċi fatt li fil-biċċa l-kbira tal-bliet, il-maġġoranza tal-kompetenzi f'dan il-qasam jinsabu f'livell ta' amministrazzjoni ogħla. Madankollu, f'diversi bliet l-awtoritajiet lokali huma attivi u jippromwovu miżuri li jgħinu n-negozju etniku u n-negozju iġenerali. Dawn jinkludu deregolamentazzjoni, l-ippjanar urban u l-għoti ta' iktar setgħa lill-assoċjazzjonijiet tan-negozju etniku.

## Indikaturi ta' politika

Il-ħolqien u ż-żamma ta' kundizzjonijiet qafas għall-imprendituri etniċi ma jtejbux biss il-prestazzjoni ekonomika ta' belt iżda jagħtu kontribut ukoll favur l-integrazzjoni kontinwa tal-migranti. Ir-rapport jipproponi għadd ta' rakkomdazzjonijiet għal min ifassal il-politika. Dawn qed jinġabru fil-qosor hawn taħt.

Ir-rapport jirrakkomanda lil min ifassal il-politika fl-Ewropa biex:

- juża l-potenzjal tal-intraprenditorija etnika f'ħalli jagħti kontribut favur il-ħolqien tal-impjeg u t-tkabbir ekonomiku inklużiv fi f'dan l-istrateġija Ewropa 2020;
- jirrikonoxxi l-intraprenditorija etnika b'ħalla dimensjoni ewlenija fl-integrazzjoni tal-migranti;
- jiftaħ djalogu mal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej biex tiġi indirizzata l-esklużjoni finanzjarja tal-minoranzi.

Ir-rapport ihegġegħ lill-Istati Membri tal-UE biex:

- jirrikonoxxu u jippromwovu l-intraprenditorija etnika b'ħalla parti mill-politiki ta' integrazzjoni usa'.
- jirriveđu l-qafas regolatorju u strutturali għat-twaqqif ta' negozji, peress li dawn spiss ixekklu l-ħolqien ta' negozju;
- tingħata spinta lill-għarfien u jissaħħu l-kapaċitajiet ta' organizzazzjonijiet intermedjarji bħal ċentri ta' taħriġ, konsulenti u assoċjazzjonijiet tan-negozju.

Fl-aħħar nett, ir-rapport jirrakkomanda lil min ifassal il-politika fuq il-livell lokali biex:

- jelimina d-diskrepanzi fl-informazzjoni u fl-intelliġenza billi jinvesti f'modi effiċjenti u mmirati li bihom tista' tinġabar l-informazzjoni;
- jibni b'mod ugwali l-intraprenditorija etnika fl-istrateġiji ta' żvilupp u integrazzjoni ekonomika tal-bliet, b'enfażi speċjali fuq il-ħolqien tal-impjeggi u l-integrazzjoni soċjali;
- jippromwovi u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati differenti fl-ekonomija tal-belt, inkluż l-assoċjazzjonijiet tan-negozju prinċipali u dawk etniċi, il-korpi kummerċjali, il-midja u l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ professjonali.

#### **Iktar informazzjoni**

Ir-rapport *Nippromwovu l-intraprenditorija etnika fil-bliet Ewropej* jinsab fuq l-internet fis-sit <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1138.htm>

Għal iktar taħriġ tista' tibgħat e-mail lil Anna Ludwinek, uffiċjal tar-riċerka, fuq [alu@eurofound.europa.eu](mailto:alu@eurofound.europa.eu)